

Brussell, 18 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7015/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0390 (APP)**

**COMPET 279
RECH 108
FIN 366
ENER 103**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	16710/25 + ADD 1 + ADD 2
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar - Qbil fil-prinċipju - Talba għall-Approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fl-10 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
2. F'konformità mal-Protokoll Nru 37, il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (RFCS) huwa programm ta' riċerka tal-UE, ifffinanzjat barra mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali mid-dħul tal-assi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni allokat għal dan il-fond. Il-RFCS jiffinanzja esklużivament proġetti ta' riċerka fis-setturi tal-faħam u l-azzar.

3. Id-Deċiżjoni proposta hija parti minn pakkett ta' proposti biex jiġi rivedut il-qafas legali tal-RFCS sabiex jiġi previst finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu appoġġati d-dekarbonizzazzjoni, it-tranżizzjoni nadifa u l-kompetittività tas-setturi tal-faħam u tal-azzar. Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex jintużaw l-assi mhux allokat li jifdal tal-KEFA f'likwidazzjoni, kif ukoll kwalunkwe fond mhux impenjat li jifdal minn sejħiet preċedenti tal-Programm ta' Riċerka RFCS.
4. Wara l-ħidma li saret fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka minn Diċembru 2025 'l hawn, li rriżultat f'xi bidliet għall-proposta inizjali, prinċipalment fir-rigward tal-ammont tal-allokkazzjoni annwali għall-finanzjament tar-riċerka fis-setturi tal-faħam u l-azzar kif ukoll it-tul tal-programm, il-Kunsill (Kompetittività) adotta Approċċ Ġenerali dwar it-test fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Frar 2026.
5. F'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tintalab mill-Kunsill qabel l-adozzjoni tiegħu.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
 - jaqbel fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 6884/26, u
 - jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 6884/26 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.